MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-21 ta' April, 2005

Numru 275/2005

Il-Pulizija
(Sp Victor Aquilina
Sp Kevin Farrugia)
vs
Joseph Farrugia, iben Alfred,
imwieled Birkirkara fit-18 ta' lulju
1952

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputat –

1. talli fit-28 ta' marzu, 2005 għal ħabta tas-6.00 p.m. fi Triq il-Forti, Madliena u f'dawn il-Gżejjer, ikkometta serq ta' oġġetti (għamara) tal-valur ta' aktar minn ħames mitt lira maltin (Lm500) iżda anqas minn elf lira maltin (Lm1,000) liema serq hu kkwalifikat bil-valur u bil-lok għad-dannu ta' Carl Von Marcke;

2. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanżi f'Malta laqgħa għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
3. talli kiser il-kondizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-20 ta' jannar, 2004;
4. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali b'diversi sentenżi mogħtija mill-Qorti ta' Malta liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra.

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija tordna l-konfiska tal-vettura tal-marka Mercedes Benz, bin-numru tar-reġistrazzjoni JBB 864.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' april, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn tali akkuża. Issibu ħati tal-akkużi l-oħra kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ)(e), 267, 269(g), 279(a), 280(1), 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali. Rat illi l-imputat ikkolabora mal-pulizija. Għalhekk, tikkundannah għal piena ta' sena priġunerija. Tirrakomanda li l-imputat jibda kors għar-riabiltazzjoni tiegħu kontra l-vizzju tad-droga. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għal konfiska tal-vettura hawn fuq imsemmija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------